



Kunsill Ewropew

Brussell, 11 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

EUCO 22/20

CO EUR 17
CONCL 8

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (10 u 11 ta' Diċembru 2020) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Il-Kunsill Ewropew sellem il-memorja tal-eks President Franċiż Valéry Giscard d'Estaing, li miet fit-2 ta' Diċembru 2020. Kien forza li xprunat il-proġett Ewropew, u kellu rwol ewlieni fil-ħolqien tal-Kunsill Ewropew.

I. QFP/NGEU

1. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet tagħha huma kollha impenjati li jippromwovu u jirrispettaw il-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni, inkluż l-istat tad-dritt, kif stabbiliti fit-Trattati. Huwa jfakkar ukoll li l-Artikolu 7 TUE jistabbilixxi l-proċedura biex jiġi indirizzat il-ksur tal-valuri tal-Unjoni skont l-Artikolu 2 TUE.
2. Bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni reċiprokament sodisfaċenti u jiġi indirizzat it-tħassib espress fir-rigward tal-abbozz ta' Regolament dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-mod kif dan ir-Regolament ser jiġi applikat, il-Kunsill Ewropew jissottolinja li r-Regolament għandu jiġi applikat b'rispett sħiħ għall-Artikolu 4(2) TUE, b'mod partikolari l-identitajiet nazzjonali tal-Istati Membri inerenti fl-istrutturi politiċi u kostituzzjonali fundamentali tagħhom, għall-prinċipju tal-ġoti tal-kompetenzi, kif ukoll għall-prinċipji ta' oġġettività, nondiskriminazzjoni u trattament ugwali tal-Istati Membri.

Il-Kunsill Ewropew jaqbel dwar dan li ġej:

- a) L-oġġettiv tar-Regolament dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni huwa li jipproteġi l-baġit tal-Unjoni, inkluż Next Generation EU, il-ġestjoni finanzjarja tajba tiegħu u l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-baġit tal-Unjoni, inkluż Next Generation EU, għandu jkun protett kontra kwalunkwe tip ta' frodi, korruzzjoni u kunflitt ta' interess.
- b) L-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kondizzjonalità skont ir-Regolament ser tkun oġġettiva, ġusta, imparzjali u bbażata fuq il-fatti, filwaqt li tiżgura proċess ġust, n-nondiskriminazzjoni u t-trattament ugwali tal-Istati Membri.

- c) Bil-ħsieb li tiżgura li dawn il-prinċipji jiġu rispettati, il-Kummissjoni beħsiebha tiżviluppa u tadotta linji gwida dwar il-mod kif ser tapplika r-Regolament, inkluż metodoloġija għat-twettiq tal-valutazzjoni tagħha. Dawn il-linji gwida ser jiġu żviluppati f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. F'każ li jiġi introdott rikors għal annullament fir-rigward tar-Regolament, il-linji gwida ser jiġu ffinalizzati wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jinkorporaw kwalunkwe element rilevanti li jirriżulta minn tali sentenza. Il-President tal-Kummissjoni ser tinforma lill-Kunsill Ewropew b'mod sħiħ. Sakemm tali linji gwida jiġu ffinalizzati, il-Kummissjoni mhix ser tipproponi miżuri skont ir-Regolament.
- d) L-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ser tirrispetta l-karattru sussidjarju tiegħu. Il-miżuri fl-ambitu tal-mekkaniżmu ser jiġu kkunsidrati biss meta proċeduri oħra stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, inkluż skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, ir-Regolament Finanzjarju jew proċeduri ta' ksur skont it-Trattat, ma jippermettux li l-baġit tal-Unjoni jiġi protett b'mod aktar effettiv.
- e) Il-miżuri fl-ambitu tal-mekkaniżmu jridu ikunu proporzjonati mal-impatt tal-ksur tal-istat tad-dritt fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u r-rabta ta' kawżalità bejn tali ksur u l-konsegwenzi negattivi fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jkunu diretti biżżejjed u jiġu stabbiliti b'mod debitu. Li sempliċiment jinstab li seħħ ksur tal-istat tad-dritt mhuwiex biżżejjed biex jiskatta l-mekkaniżmu.
- f) Il-fatturi ta' skattar stabbiliti fir-Regolament għandhom jinqraw u jiġu applikati bħala lista magħluqa ta' elementi omoġenji u mhux ikunu miftuħin għal fatturi jew avvenimenti ta' natura differenti. Ir-Regolament mhuwiex relatat ma' nuqqasijiet ġeneralizzati.
- g) Kwalunkwe ftuħ formali tal-proċedura ser ikun preċedut minn dialogu profond mal-Istat Membru kkonċernat sabiex jagħtih il-possibbiltà li jirrimedja s-sitwazzjoni.

- h) Il-Kummissjoni ser tassumi r-responsabbiltà sħiħa biex tivvaluta b'mod awtonomu jekk jeżistux il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' miżuri, kemm jekk tiddependi fuq l-informazzjoni tagħha stess jew fuq dik minn partijiet terzi. Hija ser tassumi r-responsabbiltà sħiħa għall-preċiżjoni u r-rilevanza tal-informazzjoni u s-sejbiet li fuqhom tibbaża l-valutazzjoni tagħha. Fejn tali informazzjoni u sejbiet, tkun xi tkun l-oriġini tagħhom, jintużaw għall-finijiet tar-Regolament, il-Kummissjoni ser tiżgura li r-rilevanza u l-użu tagħhom jiġu determinati esklużivament fid-dawl tal-għan tar-Regolament li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
 - i) Il-miżuri adottati fl-ambitu tal-mekkaniżmu ser jiġu rieżaminati minnufih fuq l-inizjattiva tal-Istat Membru kkonċernat jew mill-Kummissjoni mhux aktar tard minn sena wara l-adozzjoni tagħhom mill-Kunsill. F'każ li l-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tippreżentax proposta biex jitneħħew il-miżuri, hija ser tiddikjara r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha u tinforma dwarhom fl-aqgħa tal-Kunsill.
 - j) F'każ li l-Istat Membru kkonċernat jippreżenta talba kif stabbilit fil-premessa 26 tar-Regolament, il-President tal-Kunsill Ewropew ser iqiegħed il-punt fuq l-aġenda tal-Kunsill Ewropew. Il-Kunsill Ewropew ser jagħmel ħiltu biex jifformula pożizzjoni komuni dwar il-kwistjoni.
 - k) Ir-Regolament ġie nnegozjat bħala parti integrali taċ-ċiklu baġitarju l-ġdid, u għaldaqstant, ser japplika mill-1 ta' Jannar 2021 u l-miżuri ser japplikaw biss fir-rigward tal-impenji baġitarji li jibdew fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid, inkluż Next Generation EU.
3. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tadotta Dikjarazzjoni, li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill meta jkun qed jiddeċiedi dwar ir-Regolament, li tesprimi l-impenj tagħha li tapplika l-elementi msemmija fil-paragrafu 2 hawn fuq li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha fl-applikazzjoni tar-Regolament.

4. Il-Kunsill Ewropew jaqbel li l-elementi fil-paragrafi 1 sa 3 hawn fuq jikkostitwixxu tweġiba adatta u dejjiema għat-tħassib espress, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Istati Membri skont l-Artikolu 263 TFUE. F'dan l-isfond, huwa jistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex immedjatement jieħdu l-passi meħtieġa għall-adozzjoni tal-pakkett sħiħ ta' strumenti rilevanti, inkluż ir-Regolament dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali u d-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Propriji. L-Istati Membri ser jagħmlu l-almu tagħhom biex japprovaw id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Propriji f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom bil-ħsieb tad-dħul fis-seħħ immedjat tagħha.

II. COVID-19

5. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-dikjarazzjonijiet pożittivi reċenti dwar l-iżvilupp ta' vaċċini effettivi kontra l-COVID-19 u l-konklużjoni ta' ftehimiet ta' xiri bil-quddiem mill-Kummissjoni.
6. Madankollu, il-wasla tal-vaċċini ma tfissirx li spiċċat il-pandemija. Is-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Ewropa għadha inkwetanti, anki jekk l-isforzi konsiderevoli li saru minn kulħadd qed jibdew jagħtu r-riżultati. Għaldaqstant irridu nsostnu l-isforzi tagħna biex niġġieldu t-tixrid tal-virus bil-ħsieb li nipprevjenu aktar mewġiet ta' infezzjonijiet.
7. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-koordinazzjoni tal-isforzi fil-livell tal-UE s'issa u jimpenja ruħu li jsaħħaħ din il-koordinazzjoni, b'mod partikolari fit-tnejn għat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet u r-ritorn għall-ivvjaġġar normali, inkluż għat-turiżmu transkonfinali, meta tippermetti s-sitwazzjoni sanitarja. Huwa jaqbel dwar il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kondiviżjoni tal-esperjenzi u tal-pjanijiet għall-futur. Abbażi tal-ħidma li saret matul dawn l-aħħar ġimgħat, huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas komuni għal testijiet rapidi tal-antiġeni u għar-rikonoxximent reċiproku tar-riżultati tat-testijiet. Għandu jiġi żviluppat ukoll approċċ koordinat għaċ-ċertifikati tal-vaċċinazzjoni.

8. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tat-tħejjijiet għall-organizzazzjoni tad-distribuzzjoni u għad-distribuzzjoni f'waqthom tal-vaċċini, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali għall-vaċċinazzjoni, biex jiġi żgurat li l-vaċċini jkunu disponibbli mingħajr dewmien u b'mod koordinat għall-popli fl-UE. Huwa importanti li tingħata informazzjoni fattwali ċara dwar il-vaċċini u li tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni.
9. Il-vaċċinazzjoni għandha tiġi ttrattata bħala ben pubbliku globali. L-UE ser tkompli bl-isforzi tagħha biex tikkontribwixxi għar-rispons internazzjonali għall-pandemija, inkluż permezz tal-faċilità COVAX biex tiggarantixxi aċċess affordabbli u ġust għall-vaċċini għal kulħadd.
10. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa li titkompla l-ħidma biex tiżdied ir-reżiljenza fil-qasam tas-saħħa, inkluż billi jitmexxew 'il quddiem il-proposti għal Unjoni tas-Saħħa u jsir użu sħiħ mill-potenzjal tad-data dwar is-saħħa fl-Ewropa.
11. Bil-ħsieb li tantiċipa u tiġġestixxi aħjar pandemiji potenzjali futuri, b'kont meħud tal-evalwazzjonijiet li għaddejjin, inkluż tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa, l-UE ser tippromwovi modi biex issaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż permezz ta' trattat internazzjonali possibbli dwar il-pandemiji, fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, li tinsab fiċ-ċentru tal-kooperazzjoni internazzjonali dwar kwistjonijiet tas-saħħa.

III. TIBDIL FIL-KLIMA

12. Biex tilħaq l-oġettiv tan-newtralità klimatika fl-UE sal-2050 f'konformità mal-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, jeħtieġ li l-UE żżid l-ambizzjoni tagħha għall-għaxar snin li ġejjin u taggħorna l-qafas ta' politika tagħha dwar il-klima u l-enerġija. Għal dak il-għan il-Kunsill Ewropew japprova mira vinkolanti tal-UE ta' tnaqqis domestiku nett ta' mill-inqas 55 % tal-emissjonijiet ta' gass serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990. Huwa jappella lill-koleġiżlaturi biex jirriflettu din il-mira l-ġdida fil-proposta għal Liġi Ewropea dwar il-Klima u biex jadottaw din tal-aħħar malajr.

13. Ser inżidu l-ambizzjoni klimatika tagħna b'mod li ser tagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku sostenibbli, toħloq l-impjiegi, tkun ta' benefiċċju ambjentali u għas-saħħa għaċ-ċittadini tal-UE, u tikkontribwixxi għall-kompetittività globali fit-tul tal-ekonomija tal-UE billi tippromwovi l-innovazzjoni fit-teknoloġiji ekoloġiċi.
14. Il-mira ser tintlaħaq b'mod kollettiv mill-UE bl-aktar mod kosteffettiv possibbli. L-Istati Membri kollha ser jieħdu sehem f'dan l-isforz, b'kont meħud ta' konsiderazzjonijiet ta' ġustizzja u ta' solidarjetà, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Il-mira l-għda għall-2030 jeħtieġ li tintlaħaq b'mod li jħares il-kompetittività tal-UE u li jqis il-punti ta' tluq differenti u ċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi u l-potenzjal ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, inkluż dawk tal-Istati Membri gżejjer u l-gżejjer, kif ukoll l-isforzi li jkunu saru. Il-Kunsill Ewropew jagħraf il-ħtieġa li jiġu żgurati l-interkonnessjonijiet, is-sigurtà tal-enerġija għall-Istati Membri kollha, l-enerġija bi prezz affordabbli għall-unitajiet domestiċi u l-kumpanniji, u li jiġi rispettata id-dritt tal-Istati Membri li jiddeċiedu dwar it-taħlita tal-enerġija tagħhom u li jagħżlu l-aktar teknoloġiji xierqa biex tintlaħaq kollettivament il-mira klimatika tal-2030, inkluż teknoloġiji tranżizzjonali bħall-gass.
15. Il-finanzi pubbliċi u l-kapital privat għandhom jiġu mobilizzati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet sinifikanti ta' investiment li jirriżultaw minn din iż-żieda fl-ambizzjoni. Ir-rispons ekonomiku għall-kriżi tal-coronavirus joffri l-opportunità li jiġu aċċellerati t-trasformazzjoni u l-modernizzazzjoni sostenibbli tal-ekonomiji tagħna u li jinkiseb vantaġġ kompetittiv. Għandu jsir l-aħjar użu mill-pakkett tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali/Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (QFP/NGEU), inkluż il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, biex tinkiseb l-ambizzjoni klimatika tagħna. Kif maqbul f'Lulju 2020, l-azzjoni klimatika ser tiġi integrata fil-politiki u l-programmi ffinanzjati taħt il-QFP u l-NGEU. Mira klimatika kumplessiva ta' mill-inqas 30 % ser tapplika għall-ammont totali ta' nfik mill-QFP u l-NGEU u ser tkun riflessa f'miri xierqa fil-leġiżlazzjoni settorjali.

16. L-UE għandha tippromwovi l-iżvilupp ta' standards komuni u globali għall-finanzjament ekoloġiku. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta leġislattiva għal standard tal-UE għall-bonds ekoloġiċi sa mhux aktar tard minn Ġunju 2021. Huwa jilqa' wkoll il-Pjan Direzzjonali tal-Bank Klimatiku għall-2021-2025 tal-Grupp tal-BEI, li ser jikkontribwixxi biex iwettaq l-impenn tal-Grupp tal-BEI li jappoġġa EUR 1 triljun f'investimenti klimatiċi u ambjentali sal-2030.
17. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tivvaluta kif is-setturi ekonomiċi kollha jistgħu jikkontribwixxu bl-aħjar mod għall-mira tal-2030 u biex tressaq il-proposti meħtieġa akkumpanjati minn eżami fil-fond tal-impatt ambjentali, ekonomiku u soċjali fil-livell tal-Istati Membri, b'kont meħud tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima u filwaqt li jiġu rieżaminati l-flessibbiltajiet eżistenti. Il-Kummissjoni hija mistiedna tikkunsidra, b'kont meħud tal-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 14, b'mod partikolari:
- li tesplora modi biex tissaħħaħ is-Sistema tal-ETS, b'mod partikolari il-politiki ta' pprezzar tal-karbonju, filwaqt li tiġi ppreservata l-integrità tagħha u b'kont meħud tal-ħtieġa li jiġi indirizzat it-tħassib dwar id-distribuzzjoni u l-faqar enerġetiku.
 - li tipproponi miżuri li jippermettu lill-industriji intensivi fl-enerġija jiżviluppaw u jużaw teknoloġiji innovattivi newtrali għall-klima filwaqt li jżommu l-kompetittività industrijali tagħhom;
 - li tipproponi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera biex tiġi żgurata l-integrità ambjentali tal-politiki tal-UE u tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju b'mod kompatibbli mad-WTO;
 - li tindirizza tħassib li tqajjem fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-isforzi, l-ekwità u l-kosteffettività, il-forestrija u l-użu tal-art u l-emissjonijiet dejjem jiżdiedu u l-bjar dejjem jonqsu minn dawn is-setturi kkawżati mill-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima.
18. Il-problema tal-iżbilanċi għall-benefiċjarji tal-Fond għall-Modernizzazzjoni relatati mad-dħul li jirċievu li ma jkunx ekwivalenti għall-ispejjeż imħallsa fl-installazzjonijiet tal-ETS f'dawk l-Istati Membri ser tiġi indirizzata bħala parti mil-leġislazzjoni li ġejja.

19. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni u jadotta gwida addizzjonali fil-ħin qabel ma l-Kummissjoni tressaq il-proposti tagħha. Il-futur tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi ser jiġi indirizzat f'din l-okkażjoni.
20. Il-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali tal-UE ser jiġi aġġornat skont il-mira vinkolanti l-ġdida u jitressaq quddiem is-segretarjat tal-UNFCCC sa tmiem is-sena. Bi tħejjija għall-COP 26, il-Kunsill Ewropew itenni li l-impenn internazzjonali huwa kruċjali għas-suċċess fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima. Huwa jappella lill-Partijiet l-oħra kollha, b'mod partikolari l-ekonomiji ewlenin, biex jippreżentaw il-miri u l-politiki ambizzjużi tagħhom. Huwa jissottolinja l-importanza ta' azzjoni kkoordinata b'saħħitha permezz ta' diplomazija Ewropea attiva dwar il-klima.
21. L-UE ser tiżgura li l-politika kummerċjali u l-ftehimiet kummerċjali tagħha jkunu konsistenti mal-ambizzjoni klimatika tagħha.
22. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess iż-żieda fl-isforzi internazzjonali għall-protezzjoni tal-bijodiversità bi tħejjija għall-Ħmistax-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika ser tiġi organizzata fiċ-Ċina s-sena d-dieħla.

IV. SIGURTÀ

23. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-attakki terroristiċi reċenti madwar l-Ewropa. Huwa jesprimi l-kondoljanzi sinċiera tiegħu lill-familji u lill-ħbieb tal-vittmi u juri s-solidarjetà tiegħu maċ-ċittadini tal-Awstrija, il-Ġermanja u Franza. Huwa jissottolinja l-importanza li jingħata appoġġ lill-vittmi ta' atti terroristiċi u tal-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttivi rilevanti tal-UE. Aħna magħqudin fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni, it-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti. Fid-dawl ta' dawn l-attakki fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, l-UE ser tħares il-valuri komuni li jirfdu s-soċjetajiet pluralisti tagħna u ser tkompli twettaq b'determinazzjoni l-isforzi konġunti tagħha biex tiddefendihom. F'dak il-kuntest, huwa importanti li jiġu implimentati bis-sħiħ id-deċiżjonijiet eżistenti. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll il-preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta' aġenda ġdida tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u jappella biex titmexxa 'l quddiem il-ħidma f'dan ir-rigward. Huwa jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu.

24. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna kull forma ta' attakk fuq il-libertajiet ta' espressjoni u reliġjon jew twemmin, inkluż l-antisemitiżmu, ir-razziżmu u l-ksenofobija, u jissottolinja l-importanza tal-ġlieda kontra l-inċitament għal mibegħda u vjolenza, kif ukoll l-intolleranza. Huwa jilqa' l-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-ġlieda kontra l-antisemitiżmu fl-oqsma kollha ta' politika.
25. Huwa essenzjali li tiġi evitata r-radikalizzazzjoni u li jiġu indirizzati l-ideoloġiji li jwasslu għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, inkluż online. Il-Kunsill Ewropew jappella għal dan li ġej:
- tiġi intensifikata l-ġlieda kontra l-kontenut illegali online. F'dak ir-rigward huwa jistenna b'interess proposta ambizzjuża tal-Kummissjoni biex jissaħħu r-responsabbiltajiet tal-pjattaformi online skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali;
 - tiġi adottata malajr il-proposta dwar l-indirizzar tat-tixrid ta' kontenut terroristiku online;
 - jiġi żgurat li l-edukazzjoni u t-taħriġ reliġjużi jkunu konformi mad-drittijiet u l-valuri fundamentali Ewropej, u tiġi indirizzata l-influwenza barranija tal-organizzazzjonijiet ċivili u reliġjużi nazzjonali permezz ta' finanzjament mhux trasparenti;
 - jiġu appoġġati inizjattivi biex tinftiehem aħjar il-firxa ta' ideoloġiji estremisti. Għandhom jittejjbu l-iskambji komprensivi mal-Ewropa kollha tal-għarfien, ir-riċerka u l-għarfien espert xjentifiċi.
26. Huwa essenzjali li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jkunu jistgħu jeżerċitaw is-setgħat legali tagħhom, kemm online kif ukoll offline, biex jiġġieldu l-kriminalità serja. Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq il-ħtieġa li titmexxa 'l quddiem il-ħidma fir-rigward taż-żamma tad-data meħtieġa fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja, fid-dawl tal-aktar ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea u b'rispett sħiħ tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali.
27. Bil-għan li jiġu appoġġati ulterjorment l-infurzar tal-liġi fl-UE kollha u l-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, għandha tiġi intensifikata sostanzjalment l-implimentazzjoni tal-miżuri maqbula, u għandhom jissaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija.

28. Il-Kunsill Ewropew:

- jistieden lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi tagħhom biex jagħmlu użu sħiħ mill-bażijiet ta' data u s-sistemi ta' informazzjoni Ewropej, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskrizzjoni ta' data rilevanti fil-bażijiet ta' data dwar persuni li jkunu vvalutati minn Stati Membri individwali bħala li huma ta' theddida terroristika jew estremista vjolenti serja, inkluż il-ġellieda terroristi barranin;
- jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li kull persuna li taqsam il-fruntieri esterni tal-Unjoni tkun ikkontrollata mal-bażijiet ta' data rilevanti kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE;
- jistieden lill-koleġiżlaturi biex jeżaminaw il-proposta dwar it-tisħiħ tal-mandat tal-Europol bil-ħsieb tal-adozzjoni rapida tagħha;
- jissottolinja l-importanza ġenerali tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja fl-aspetti kollha tagħha.

V. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti

29. Wara l-elezzjonijiet fl-Istati Uniti, il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti. Huwa enfażizza l-importanza ta' sħubija transatlantika strateġika b'saħħitha bbażata fuq interessi komuni u valuri kondiviżi. Dan huwa partikolarment importanti fid-dawl tal-hteġa li jiġu indirizzati sfidi globali urġenti. L-UE tistenna b'interess li taħdem flimkien mal-Istati Uniti, b'mod partikolari biex issaħħaħ ir-rispons globali għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19, tindirizza t-tibdil fil-klima, issaħħaħ l-irkupru ekonomiku, tikkoopera fuq kwistjonijiet diġitali u teknoloġiċi, tindirizza tilwim kummerċjali, tirriforma d-WTO, u tippromwovi l-multilateraliżmu kif ukoll il-paċi u s-sigurtà. Aħna ninsabu lesti li niddiskutu l-prijoritajiet kondiviżi mal-President il-ġdid tal-Istati Uniti.

Il-Lvant tal-Mediterran

30. Il-Kunsill Ewropew reġa' lura għall-konklużjonijiet tiegħu tal-1 u t-2 ta' Ottubru 2020 dwar ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mat-Turkija fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Lvant tal-Mediterran. Sfortunatament, it-Turkija wettqet azzjonijiet u provokazzjonijiet unilaterali u eskalat ir-retorika tagħha kontra l-UE, l-Istati Membri tal-UE u l-mexxejja Ewropej. L-attivitajiet unilaterali u provokattivi Torok fil-Lvant tal-Mediterran għadhom qed iseħħu, inkluż fiż-Żona Ekonomika Esklussiva ta' Ċipru. Il-Kunsill Ewropew jinnota li t-Turkija rtirat il-bastiment Oruç Reis u jinsisti li titnaqqas it-tensjoni b'mod sostnut sabiex ikunu possibbli l-issoktar bikri u t-tkomplija bla xkiel tat-taħditiet esploratorji diretti bejn il-Greċja u t-Turkija.
31. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-interess strateġiku tal-UE fl-iżvilupp ta' relazzjoni kooperattiva u ta' benefiċċju reċiproku mat-Turkija. L-offerta ta' aġenda pożittiva bejn l-UE u t-Turkija għadha fuq il-mejda, dment li t-Turkija turi li hija lesta tippromwovi sħubija ġenwina mal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u li ssolvi d-differenzi permezz tad-djalogu u f'konformità mad-dritt internazzjonali. Aġenda bħal din tista' tkopri l-oqsma tal-ekonomija u l-kummerċ, il-kuntatti bejn il-persuni, id-djalogi ta' Livell għoli u l-kooperazzjoni kontinwa dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni. Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq l-importanza li jinżammu miftuħa l-mezzi ta' komunikazzjoni bejn l-UE u t-Turkija. L-UE ser tkun lesta wkoll li tkompli tipprovdi assistenza finanzjarja lir-refuġjati Sirjani u l-komunitajiet ospitanti fit-Turkija u li tikkoopera dwar il-ġestjoni responsabbli tal-flussi migratorji lejn l-Istati Membri kollha u dwar l-intensifikazzjoni tal-isforzi fil-ġlieda kontra n-networks tal-faċilitaturi tad-dħul klandestin ta' migranti.
32. Filwaqt li tfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 u t-2 ta' Ottubru 2020, l-UE tibqa' impenjata li tiddefendi l-interessi tagħha u daww tal-Istati Membri tagħha kif ukoll li tħares l-istabbiltà reġjonali. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew:
- jistieden lill-Kunsill jadotta elenkar addizzjonali abbażi tad-Deċiżjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran;

- jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jippreżentaw rapport dwar is-sitwazzjoni attwali rigward ir-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u kummerċjali bejn l-UE u t-Turkija u dwar l-istrumenti u l-għażliet dwar kif wieħed għandu jipproċedi, inkluż dwar l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-deċiżjoni msemmija hawn fuq għall-konsiderazzjoni sa mhux aktar tard mill-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2021.

33. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-passi unilaterali tat-Turkija f'Varosha u jappella għar-rispett sħiħ tar-Risoluzzjonijiet 550 u 789 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-issoktar rapidu tan-negozjati, taħt l-awspiċġi tan-NU, u jibqa' impenjat bis-sħiħ għal soluzzjoni komprensiva tal-problema ta' Ċipru, fil-qafas tan-NU u f'konformità mar-Risoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u skont il-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-UE. Huwa jistenna l-istess mit-Turkija. Il-Kunsill Ewropew jaqbel li, mal-issoktar tan-negozjati taħt l-awspiċġi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, l-UE ser taħtar rappreżentant għall-Missjoni ta' Bon Offiċġi tan-NU.
34. Il-Kunsill Ewropew jitlob lir-Rappreżentant Għoli biex imexxi 'l quddiem il-proposta għal konferenza multilaterali dwar il-Lvant tal-Mediterran.
35. L-UE ser tipprova tikkoordina mal-Istati Uniti dwar kwistjonijiet relatati mat-Turkija u s-sitwazzjoni fil-Lvant tal-Mediterran.

Il-Viċinat tan-Nofsinhar

36. Viċinat tan-Nofsinhar demokratiku, aktar stabbli, aktar ekoloġiku u aktar prosperu huwa prijorità strateġika għall-UE. Ħamsa u għoxrin sena wara t-tnedija tal-Proċess ta' Barċellona, aħna determinati li nerġġhu nniedu, insaħħu u nkomplu niżviluppaw din is-sħubija strateġika mibnija fuq ġeografija u storja komuni.
37. Irridu niġġieldu flimkien il-pandemija tal-COVID-19, insaħħu r-reżiljenza tal-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna, nippreservaw is-sigurtà kollettiva tagħna, nindirizzaw l-isfida tal-mobbiltà u l-migrazzjoni u noffru prospettivi liż-zgħażaġh fuq iż-żewġt ixtut tal-Mediterran.

38. Il-ħidma ser tkun iggwidata mill-Aġenda Strateġika 2019-2024 u mill-prinċipji ewlenin tal-politika tal-Viċinat tagħna, u appoġġata mill-użu effettiv tal-istrumenti kollha tagħna. Ser niżviluppaw Aġenda ġdida għall-Mediterran ibbażata fuq prijoritajiet kondiviżi u enfasi fuq risponsi speċifiċi għall-Mediterran u kooperazzjoni mill-qrib foqasma bħall-ambjent, il-konnettività, l-edukazzjoni u l-kultura, u r-riżorsi naturali. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li jissaħħaħ ir-rwol tas-soċjetà ċivili.
39. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-Komunikazzjoni Konġunta li jmiss tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli dwar sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar. Din is-sħubija għandha tkun ibbażata fuq djalogu politiku mtejjeb u intensifikat fil-Mediterran kollu u twassal għal kooperazzjoni msaħħa sabiex jiġu indirizzati l-isfidi komuni u jiġu sfruttati l-opportunitajiet kondiviżi.
40. Speċifikament fir-rigward tal-Libja, il-Kunsill Ewropew jappella lill-atturi kollha biex jaġixxu f'konformità mal-prinċipji tal-proċess ta' Berlin. L-UE tfakkar fl-offerta li tappoġġa l-Gwardja Kostali Libjana permezz ta' taħriġ u monitoraġġ kif ukoll il-forniment ta' tagħmir u bastimenti, f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali. L-UE tappella għall-ħelsien immedjat tas-sajjieda Taljani miżmuma taħt kustodja sa mill-bidu ta' Settembru mingħajr ebda proċedura legali.

Ostrovets

41. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata s-sikurezza nukleari tal-impjant tal-enerġija nukleari Belarussu Ostrovets u jistieden lill-Kummissjoni biex tinvestiga miżuri possibbli li jipprevjenu l-importazzjonijiet tal-elettriku kummerċjali minn faċilitajiet nukleari ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-livelli ta' sikurezza rikonoxxuti tal-UE.

Reġim globali ta' sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem

42. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni mill-Kunsill ta' reġim globali ta' sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem.